**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u>**
**Nru. 11/02/2015**
***Kienet addottata Aġenda nru. 11/2015***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 15 ta' Settembru 2015**

**Ħin: Fis-6.15 ta' filgħaxija –** Is-seduta ttardjat biex bdiet peress li ma kienx hemm quorum.

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson**
- **Is-Sinjura Sandra Grech – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba –** ***Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Is-Sur Martin Cefai kien skużat.

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 10/2015

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 10/2015 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 10/2015

Ma tqajjmux punti mill-Minuti bin-nru. 10/2015.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Memo nru. 22/2015 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Skema inizjattivi ta' attivitajiet kulturali għax-xahar ta' Diċembru 2015.

Korrispondenza tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u tad-Dipartiment tal-Artijiet dwar uffiċċju tal-Kunsill ġewwa Marsalforn.
Il-Viċi Chairperson qal fil-bidu ta' Triq Għar Qawqla, bieb ma bieb mal-knisja ser jitbattal post. Qal il-post huwa addattat ħafna għal uffiċċju. Qal ukoll il-kirja kienet ta' €100 fix-xahar.
Il-Kumitat awtorizza lill-Viċi Chairperson biex jitkellem ma sid il-post u jara x' inhuma l-intenzjonijiet tiegħu fuq dan il-post.

Ittra mibgħuta mill-Perit Alexander Bigeni għan-nom ta' White Horse Recycling Ltd dwar it-tqegħid ta' *bin* għal ħwejjeġ użati fil-*parking area* tal-*promenade* tal-Qbajjar. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet għat-talba tal-Kumpanija White Horse Recycling.

Ittra ta' Chris Portelli dwar it-talba tiegħu għal kumpens – ħsara fuq vettura fi Triq Santa Marija. It-talba kienet rifjutata.

Petizzjoni mibgħuta minn George Sacco dwar Triq Għar Qawqla.

Komunikat mibgħut minn Silvana Sultana dwar ġbir ta' tafal fi Triq Mieġel il-Baħar. Dwar il-ħajt tal-għalqa mwaqqa' fi Triq Mieġel il-Baħar, ngħaddu rapport lill-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Komunikat tal-Perit Scerri dwar ilment tas-Sinj. Refalo li qed tilmenta li qed jidħol l-ilma tax-xita fil-proprjeta` tagħha.
Intqal li l-bankini ta' Triq il-Qbajjar ilhom li nqalgħu minn ta' lanqas sentejn u kull ma kien sar inbidlu l-bankini. Intqal li l-ilma x' aktarx dieħel mill-għalqa vojta ta' maġenb ir-residenza tagħha.

## 5. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. KAM 29/2015 – is-Sur Martin Cefai, membru tal-Kumitat**
Għandu talba biex issir rampa quddiem Galea Supermarket fi Triq il-Qbajjar. It-talba kienet rifjutata.

**Nru. KAM 30/2015 – is-Sur Christian Zammit, Ministeru għal Għawdex**
Irrapporta li fil-pjazzetta ta' Għar Qawqla hemm ċint sħiħ immermer bil-melħ fi stat perikoluż li jċedi. Il-Kumitat iddeċieda li jagħmel sejħa għall-offerti biex isir *railing* ġdid fil-pjazzetta ta' Għar Qawqla; materjal bħal tal-*promenade* tal-Qbajjar.

**Nru. KAM 31/2015 – is-Sinj. Orietta Gatt**
Biex jitwaħħal sinjal juri T-junction fi Triq is-Sajjieda, maġenb Port Mansions. Talba rifjutata mill-Kumitat.

**Nru. KAM 32/2015 – is-Sinj. Marthese Attard**
Issir il-manutenzjoni ta' Triq Manwel Magro. Xogħol ta' traqqiegħ fi Triq Manwel Magro approvat mill-Kumitat.

**Nru. KAM 33/2015 – iċ-Chairperson is-Sinj. Marija Saliba**
Ressqet dawn il-proposti:

- biex titbaxxa l-bankina ta' quddiem ir-residenza 66 fi Triq Santa Marija.
- issir bankina ġdida fil-bidu ta' Triq ix-Xagħra, quddiem l-istabbiliment BO Jungles.
- titwaħħal lampa dekorattiva fit-taraġ ta' maġenb l-Għassa tal-Pulizija li jagħti għal fuq iz-zuntier tal-knisja.

Il-Kumitat approva l-proposti mressqa miċ-Chairperson.

**Nru. KAM 34/2015 – il-Contract Manager is-Sur William Sultana**
Issir it-tiswija tar-*railings* ta' madwar ix-*shaft* tal-latrina fil-*promenade* tal-Qbajjar. Il-Kumitat approva t-tiswija tar-*railing* tal-aluminium.

## 6. MATERJA OĦRA

Il-Kumitat approva li titwassa' l-bankina ta' quddiem Maria Giovanna Hostel, Triq ir-Rabat.

## 7. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-7.45 ta' filgħaxija. Il-Kumitat aġġorna għat-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2015 fis-6.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Marija Saliba** | **Diane Tagliaferro** |
| ***Chairperson*** | ***Segretarja Eżekuttiva*** |